GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami ta' Kwalifikazzjoni għal Learning Support Educators Supplimentari

# Frar 2025

**Suġġett:** Malti

**Data:** L-24 ta' Frar 2025

**Ħin:** 09:00 – 10:30 (Siegħa u tletin minuta)

**Istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' taqsimiet: Taqsima 1,2,3 u 4.**
**Il-kandidati jridu jwiġbuhom KOLLHA skont l-għażla indikata.**
**Il-kandidati huma mħeġġa jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima.**
**Il-marki għal kull mistoqsija jidhru fil-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fuq il-ktejjeb ipprovdut.**

**Taqsima 1: Il-Komponiment** **(35 marka)**

Agħżel titlu minn dawn u ikteb komponiment ta' 350 kelma.

a) Il-Bniedem u t-Teknoloġija: Sfidi u Opportunitajiet.

*jew*

b) Żjara ġewwa l-Mużew tal-Arti fil-Belt Valletta. Iddeskrivi.

**Taqsima 2: Fehim mill-Qari** **(25 marka)**

Aqra sew dan it-test u wara aħdem it-taħriġ fuqu.

**IT-TAJ MAHAL**

It-Taj Mahal fl-Indja huwa wieħed mill-aktar monumenti magħrufa fid-dinja u huwa simbolu ta' mħabba eterna. Dan il-mawżolew magħmul prinċipalment minn irħam abjad, jinsab f'Agra, Uttar Pradesh, u huwa meqjus bħala wieħed mill-aqwa eżempji tal-arkitettura Mogula.

Inbena bejn l-1632 u l-1653 mill-ħames Imperatur Mogul, Shah Jahan, bħala monument għall-memorja ta' martu, Mumtaz Mahal, li mietet waqt it-twelid tal-14-il wild tagħhom. Shah Jahan kien iħobb ħafna lil Mumtaz Mahal, li kienet meqjusa bħala l-mara favorita tiegħu. Wara li mietet, l-Imperatur iddeċieda li jibni monument uniku biex ifakkar l-imħabba eterna tagħhom. Infatti l-isem *Taj Mahal* huwa meħud mill-isem Mumtaz Mahal, li tfisser "*Il-Kuruna tal-Palazz"*. Huwa wkoll ġie midfun hemm.

Kien iddisinjat mill-Arkitett magħruf, Ustad Ahmad Lahauri, u ħadmu fih b'kollox madwar 20,000 ruħ biex tlesta, fosthom artisti Indjani, Persjani, u Ottomani, kif ukoll speċjalisti fil-kaligrafija u l-interzjar. Skrizzjonijiet b'versi mill-Koran huma stilizzati fuq l-irħam, b'fokus fuq temi ta' mħabba u immortalità.

Wara li ntemm il-bini tat-Taj Mahal, Shah Jahan twaqqa' minn fuq it-tron minn ibnu Aurangzeb, u spiċċa qatta' l-aħħar snin tiegħu bħala priġunier fil-Forti ta' Agra, fejn seta' biss jara t-Taj Mahal mill-bogħod.

Il-monument huwa magħmul minn irħam abjad mill-Indja, dekorat b'ġebel prezzjuż u semiprezzjuż importat minn diversi postijiet fid-dinja. L-irħam abjad inġieb mill-Makrana (Rajasthan, l-Indja) filwaqt li l-ħaġar prezzjuż u semiprezzjuż inġieb minn diversi pajjiżi, bħall-ġada miċ-Ċina, it-turkożi mill-Persja, u l-lapis lazuli mill-Afganistan.

It-Taj Mahal magħruf għas-simetrija tiegħu, b'minaretti fuq kull kantuniera u ġnien ġeometrikament perfett madwaru. L-istil tiegħu jirrifletti taħlita ta' elementi Indjani, Persjani, u Iżlamiċi. Il-ġnien tal-madwar jiġbor flimkien estetika u simboliżmu, u jinkludi kanali tal-ilma u għadira li tirrifletti l-

immaġni tal-monument, allegorija tal-ġenna Iżlamika. Infatti, it-Taj Mahal huwa maħsub biex juri l-armonija bejn il-Ġenna u l-Art. Il-ġnien jirrappreżenta l-ġenna, filwaqt li l-kostruzzjoni mimlija dettalji turi l-armonija fl-Arti Mogula. Id-dominju ċentrali tal-monument hija l-koppla kbira, magħrufa bħala "*l-koppla tal-lotus",* li hija għolja madwar 73 metru.

Dan il-monument huwa spiss meqjus bħala wieħed mill-akbar ġesti ta' mħabba fl-istorja, mibni minn Shah Jahan għall-memorja ta' Mumtaz Mahal. Jirrappreżenta mħabba eterna, devozzjoni, u sbuħija li ma tintemm qatt. Fl-1983, ġie ddikjarat Sit ta' Wirt Dinji mill-UNESCO u hu meqjus bħala "ġawhra tal-arti Musulmana fl-Indja". Fl-2007, ġie magħżul bħala wieħed mis-seba' għeġubijiet il-ġodda fid-dinja tal-lum.

Il-monument qed jaffaċċja sfidi minn tniġġis u tibdil fil-klima, iżda hemm diversi programmi għall-preservazzjoni tiegħu. L-irħam abjad qed jisfar minħabba t-tniġġis tal-arja mill-fabbriki u t-traffiku fl-inħawi ta' Agra. Bdiet tintuża "Mud Pack Therapy" biex tippurifika u tippreserva l-irħam abjad minn aktar ħsarat minħabba dan it-tniġġis. Barra minn hekk, il-gvern Indjan ipprojbixxa żoni industrijali qrib it-Taj Mahal billi ħoloq it-"Taj Trapezium Zone" (TTZ), żona ekoloġika fejn hemm restrizzjonijiet stretti fuq attività industrijali u traffiku.

It-Taj Mahal jidher ibiddel il-kulur matul il-ġurnata, minn kulur roża filgħodu għal abjad ċar fil-ġurnata, u dehra tad-deheb fil-qamar kwinta. Jingħad li Shah Jahan ried jibni Taj Iswed fuq in-naħa l-oħra tax-xmara bħala l-qabar tiegħu, imma ma rnexxilux.

Illum, dan il-monument jilqa' madwar 8 miljun viżitatur fis-sena, u hekk jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija Indjana. Għal ħafna koppji, iż-żjara għandha simbolu romantiku, u xi wħud jagħmlu l-proposta taż-żwieġ quddiemu.

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. Dan il-monument jitqies bħala mawżolew għax
   a. inbena minn Imperatur Mogul.
   b. jinsabu midfuna fih żewġ maħbubin.
   ċ. huwa rikonoxxut mill-UNESCO. (marka)

2. Għalfejn inbena t-Taj Mahal? (marka)

3. Għaliex l-Imperatur Shah Jahan spiċċa l-aħħar jiem ta' ħajtu ħażin? (2 marki)

4. X'jurik li l-Imperatur Shah Jahan ried jibni monument mill-aqwa għal martu? Agħti **TLIET** raġunijiet minn dak li ssib fis-silta. (3 marki)

5. X'tifsira għandu l-ġnien li jdawwar it-Taj Mahal f'għajnejn il-Musulmani? (2 marki)

6. Xi sfidi qed iħabbat wiċċu magħhom it-Taj Mahal illum? Semmi **ŻEWĠ** inizjattivi li ttieħdu mill-awtoritajiet biex iħarsuh. (3 marki)

7. X'jagħmel speċjali d-dehra tat-Taj Mahal f'waqtiet differenti tal-jum u l-lejl? (2 marki)

8. B'liema mod it-Taj Mahal qed jgħin fl-ekonomija tal-pajjiż? (2 marki)

9. *'Għal ħafna koppji, żjara fit-Taj Mahal għandha simbolu romantiku'.* Spjega fi kliemek għaliex taħseb li titqies hekk. (3 marki)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA**

1. Agħti **kelma/kliem ieħor** bl-istess tifsira għal dak bil-**grassett** fis-silta ta' hawn taħt. (4 marki)

It-Taj Mahal huwa spiss **meqjus** bħala wieħed mill-akbar ġesti ta' mħabba fl-istorja, mibni minn Shah Jahan għall-**memorja** ta' Mumtaz Mahal. Jirrappreżenta mħabba eterna, devozzjoni, u sbuħija li ma tintemm qatt. Fl-1983, ġie ddikjarat Sit ta' Wirt Dinji mill-UNESCO u hu meqjus bħala "**ġawhra** tal-arti Musulmana fl-Indja". Fl-2007, ġie magħżul bħala wieħed mis-seba' **għeġubijiet** il-ġodda fid-dinja tal-lum.

2. Liema **kelma** mill-aħħar paragrafu tas-silta għandha din it-tifsira? (2 marki)

a. xi ħadd li jżur xi mkien.
b. jagħti sehmu.

**Taqsima 3: Il-Kitba ta' Rapport** **(20 marka)**
Agħżel titlu minn dawn u ikteb rapport ta' 80 kelma.

a) It-triq li tagħti għall-iskola ntlaqtet sewwa mill-maltemp li għamel dan l-aħħar. Bħala segretarju/a tal-Kunsill Lokali, ikteb rapport dwar il-ħsarat li hemm f'din it-triq biex il-Kunsill jara x'għandu jsir.

*Jew*

b) Il-ġimgħa l-oħra, waqt ħarġa edukattiva, tifel mill-klassi tiegħek kien involut f'inċident fejn spiċċa jbati minn ġrieħi ħfief. Il-Prinċipal tal-kulleġġ talbek tikteb rapport biex tirrapporta dak li seħħ.

**Taqsima 4: Il-Kitba ta' Ittra** **(20 marka)**

Agħżel titlu minn dawn u ikteb ittra ta' 80 kelma.

a) Jumejn ilu, kollega tiegħek, li ilu jaħdem miegħek għal numru ta' snin, temm il-karriera brillanti tiegħu fil-qasam edukattiv. Iktiblu email biex turih l-apprezzament tiegħek għal kulma għamel mal-istudenti tul dawn is-snin. **Fl-email uża dawn id-dettalji**:
Ismek: Maria *jew* Alex Tabone,
Isem il-kollega tiegħek: John Attard
L-indirizz tiegħek: maria@skola.com *jew* alex@skola.com
L-indirizz tal-kollega: john@skola.com

*Jew*

b) Ikteb email ta' wens lill-ħabib/a tiegħek li għadu/għadha kemm għadda/għaddiet minn xi esperjenza kerha. **Fl-email uża dawn id-dettalji**:
Ismek: Maria *jew* Alex Tabone,
Isem il-kollega tiegħek: John Attard
L-indirizz tiegħek: maria@xogħol.com *jew* alex@xogħol.com
L-indirizz tal-kollega: julia@xogħol.com

# TMIEM IL-KARTA

# PAĠNA VOJTA

# PAĠNA VOJTA

**PAĠNA VOJTA**